MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (SUPERJURI)
# MALTA

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**DE GAETANO VINCENT**
**ONOR. IMHALLEF**
**DEPASQUALE ANTON**
**ONOR. IMHALLEF**
**MAGRI ALBERT J.**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2002

Appell Civili Numru. 2647/1999/1

**Angelo Abela**

**vs**

**Joseph Zahra u Napuljun Carabott**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

**IR-RIKORS PROMOTORJU**

1. Rat ir-rikors ta’ Nadia Schiavone, Maryrose Schiavone, Elvira Abela u Anthony Abela fejn wara li ppremettew:-

(i) Illi l-kawza fl-ismijiet premessi hija kawza ta’ spoll istitwita mill-attur kontra l-konvenuti sabiex l-istess attur jigi ri integrat fil-pussess tad-dritt allegament spolj mill-konvenuti, illi jghaddi b’vetturi u bir-rigel minn fuq l-ghelieqi ta’ l-istess konvenuti;

(ii) Illi fis-sentenza taghha, l-Ewwel Qorti sabet illi l-attur, bil-kunsens tal-konvenuti, anzi fuq suggeriment taghhom beda juza l-istess passagg ghal diversi snin;

(iii) Illi r-rikorenti huma l-propjetarji ta’ l-art gewwa z-Zejtun mahduma mill-konvenuti illi fuqha allura l-attur qieghed illum jivvanta dritt ta’ passagg – apparentement konsentit mill-konvenuti – fejn dan id-dritt qatt, safejn jafu rikorrenti, ma ezista qabel;

(iv) Illi l-ezistenza ta’ tali dritt sejjer naturalment jimmenomizza l-propjeta tar-rikorrenti u ghalhekk ir-rikorrenti ghandhom interess jikkontrollaw l-veracita` ta’ l-allegazzjonijiet maghmula mill-attur u sabiex ukoll jaghmlu s-sottomissjonijiet dwar jekk l-azzjonijiet jew ommessjonijiet ta’ inkwilin jew detentur iehor ta’ propjeta` b’titolu temporaneju u personali, jistghux jikkreaw favur it-terzi xi dritt jew pussess ta’ dritt fuq l-art detenut minnhom anke sal-grad mehtieg ghall-ispedizzjoni ta’ kawza ta’ spoll f’kaz ta’ lezjoni;

Talbu illi din il-Qorti jogghobha tawtorizza u tammetti lir-rikorrenti jintervjenu f’din il-kawza ‘in statu et terminis’;

## <u>IR-RISPOSTA TA’ L-ATTUR APPELLAT ANGELO ABELA</u>

2. L-attur appellat wiegeb hekk:

Illi l-esponent jopponi ruhu ghat-talba tar-rikorrenti sabiex jintervjenu ‘in statu et terminis’ stante li l-kawza odjerna hija kawza ta’ spoll ibbazata fuq il-<u>pussess</u> dapparti ta’ l-attur tal-passagg li minnu hu qed jigi mizmum li jghaddi (bi pregudizzju kontinwu iktar ma ddum ma tinqata’ definittivament il-kawza) u ghalhekk mhijiex kawza dwar xi dritt ta’ servitu ta’ passagg. Konsegwentement l-esponent

jissottometti li r-rikorrenti ma ghandhom ebda interess jew ‘locus standi’ biex jintervjenu;

**IR-RISPOSTA TA’ JOSEPH ZAHRA**

3. Il-konvenut Joseph Zahra wiegeb hekk:

a. Illi dwar il-korp tar-rikors l-esponent jirrileva illi kif gja gie ritenut anki fil-kawza, l-esponent qatt ma kkonsentixxa jew ta l-kunsens tieghu kif allegat dwar il-passagg;

b. Illi dwar it-talba, sabiex jintervjenu f’din il-kawza “in statu et terminis”, ir-rikorrenti ma jsibu ebda oggezzjoni minghajr, pero`, pregudizzju ghall-ispejjez taghha fil-kawza;

c. Ghaldaqstant l-esponent jirrimetti ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti dwar it-talba kontenuta fir-rikors;

**IR-RISPOSTA TA’ NAPULJUN CARABOTT**

4. Il-konvenut Napuljun Carabott wiegeb hekk:

a. Illi dwar il-korp tar-rikors l-esponent jirrileva illi kif gja gie ritenut anki fil-kawza, l-esponent qatt ma kkonsentixxa jew ta l-kunsens tieghu kif allegat dwar il-passagg.

b. Illi fil-konfront ta’ l-esponent l-attur Angelo Abela ma pprovax it-talba/pretensjoni tieghu u dan kif jirrizulta b’mod car mis-sentenza rilevanti;

c. Illi dwar it-talba, sabiex jintervjenu f’din il-kawza “in statu et terminis”, ir-rikorrenti ma jsibu ebda oggezzjoni minghajr, pero`, pregudizzju ghall-ispejjez taghha fil-kawza.

d. Ghaldaqstant l-esponent jirrimetti ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti dwar it-talba kontenuta fir-rikors;

**KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI**

5. Dan hu provvediment dwar it-talba tar-rikorrenti Nadia Schiavone, Maryrose Schiavone, Elvira Abela u Anthony Abela biex jigu awtorizzati u ammessi minn din il-Qorti sabiex jintervjenu in statu et terminis f'kawza ta' spoll fl-ismijiet: Angelo Abela – vs – Joseph Zahra et (Citazzjoni numru: 2647/99) fl-istadju ta' appell;

6. Wara li hadet kont tad-digriet taghha precedenti u tar-risposti moghtijin mill-partijiet kontendenti f'dik il-kawza; wara li rat li filwaqt li l-konvenuti Joseph Zahra u Napuljun Carabott m'opponewx ghat-talba, hemm opposizzjoni ghaliha da parti ta' l-attur Angelo Abela;

7. Ikkunsidrat illi r-raguni moghtija mill-attur ghall-opposizzjoni tieghu hija msejsa fuq is-sottomissjoni li,

"stante li l-kawza odjerna hija kawza ta' spoll ibbazata fuq il-pussess da parti ta' l-attur tal-passagg li minnu hu qed jigi mizmum li jghaddi (bi pregudizzju kontinwu iktar ma ddum ma tinqata' definittivament il-kawza) u ghalhekk m'hijiex kawza dwar xi dritt ta' servitu` ta' passagg. Konsegwentement ir-rikorrenti ma ghandhom ebda interess jew locus standi biex jintervjenu";

8. Wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet u kkunsidrat illi l-istitut ta' l-intervent f'kawza in statu et terminis huwa regolat fil-ligi taghna bl-artiklu 960 li jiddsponi hekk:

"Kull min juri b'sodisfazzjoni tal-Qorti, li huwa ghandu interess f'kawza li tkun miexja bejn partijiet ohra, jista' fuq rikors, jigi mdahhal in statu et terminis, bhala parti fil-kawza, f'kull waqt taghha, sew fil-Qorti ta' l-ewwel grad kemm fil-Qorti fi grad ta' Appell; izda dan l-intervent fil-kawza ma jwaqqafx il-proceduri taghha";

Mill-kontenut ta' dana l-artiklu li nsibuh fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u procedura Civili ghandu jirrizulta evidenti li l-ligi taghna riedet taghti fakolta` wiesa' biex parti interessata f'kawza partikolari tinghata l-possibilita` li tigi ammessa anke meta l-istess kawza tkun bejn partijiet ohra u meta l-procedura tkun sahansitra tinsab quddiem Qorti ta' Appell, kif inhu proprju l-kaz in ezami. Ta' min

ukoll josseva li l-ligi ma toqghodx tiddistingwi bejn tipi ta' kawzi. Hekk, per ezempju, hija ma tiddistingwix bejn kawzi possessorji minn ohrajn li huma petitorji. Dak li invece tesigi l-ligi huwa li dik il-parti jkollha interess li tintervjeni.

9. Ikkunsidrat li ghalkemm ir-rikorrenti qeghdin jippremettu li huma l-proprjetarji ta' l-art de quo li tinsab fiz-Zejtun u l-kawza li giet istitwita bejn il-partijiet l-ohra hija wahda ta' spoll, b'daqstant ma jfissirx necessarjament li allura s-sidien rikorrenti m'ghandhomx interess fl-ezitu tal-kawza u jew li m'ghandhomx locus standi kif qed jissottometti l-attur. Dan ghaliex kif jghallem l-awtorevoli Mortara (ara Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile", 1923, vol III, p.256)

"...puo' trovarsi ad avere interesse nella lite sotto varii aspetti e perfino a poterne temere un gravame di fatto e indiretto, qualora il risultato finale di essa, pur non alternando la di lui situazione giuridica, minacciasse di rendere difficile il godimento delle utilita` che vi sono inerenti, od anche diminuirlo effettivamente, sovente la legge inesorabile del fatto compiuto e' piu` forte delle teorie astratte le quali proclamano la innocuita` della cosa giudicata inter alios"

Fil-fatt kif jispjega Enrico Tullio Liebman (ara Manuale di Dir. Proc. Civile, 1957, p. 151)

"La ragione pratica dell' istituto e' data dalla interdipendenza delle posizioni giuridiche e dei rapporti giuridici, sebbene i terzi non possono essere pregiudicati dalla sentenza pronunciata tra altri (res inter alios acta tertio neque nocent neque prodest) la loro posizione giuridica, o i rapporti giuridici di cui sono titolari, possono in vario modo subire delle conseguenze indirette dalla sentenza altrui, cio` che determina di un processo in cui non sono parti, o all'esito del medesimo".

10. Ikkunsidrat li bhala bazi ghall-akkoljiment tat-talba taghhom, ir-rikorrenti jsemmu li bid-dritt ta' passagg vantat mill-attur "tali dritt sejjer naturalment jimmenomizza l-proprjeta` tar-rikorrent" u kwindi "ghandhom interess jikkontrollaw il-veracita` ta' l-allegazzjonijiet maghmula

mill-attur u sabiex ukoll jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom" f'dan ir-rigward u kif hemm imsemmi fir-rikors promotorju taghhom. Il-Qrati taghna dejjem taw interpretazzjoni miftuha dwar dan l-istitut. Kif jinghad fil-kaz klassiku deciz mill-Imhallef Luigi Ganado fil-kawza fl-ismijiet "Stepton – vs – Spiteri" deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Novembru 1898 li,

"E' stato ritenuto che, nel linguaggio della Procedura, e' terzo una persona materialmente estranea al giudizio fra altri pendente, e se viene chiaramente dimostrato che questo terzo ha un interesse qualunque, purche` sostanziale, sia personale che reale, e non derivativo nell'esito del giudizio che si agita fra altri, egli ha il diritto di intervenirvi, e puo` essere chiamato a prenderne parte".

11. Din il-Qorti lanqas tifhem l-oggezzjoni ta' l-attur in kwantu bbazata fuq il-possibilita` ta' dilungar ta' l-atti tal-kawza. Il-ligi stess tipprevjeni ghal tali possibilita` bil-fatt li l-intervent irid ikun wiehed <u>in statu et terminis</u>. Din il-fakolta` hija anzi intiza biex tevita molteplicita` ta' litigji u biex ikun hemm aktar ekonomija ta' proceduri gjudizzjarji. Kif gie ritenut fis-sentenza surreferita "Stepton – vs – Spiteri" (ibid),

"L' istituto dell'intervento in causa, sia volontario, sia coattivo, e` basato sulla speditezza e semplicita` dei giudizi, essendo giustamente ritenuto molto utile il decidere la questione in presenza di quelli che vi hanno interesse, sviluppandosi meglio, in tal modo, le rispettive ragioni dei contendenti, ed evitando cosi` molteplicita` di giudizi inutili e spese considerevoli ai medesimi".

Mehud kont tal-konsiderazzjonijiet fuq imsemmija;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti ghalbiex huma jigu ammessi li jintervjenu <u>in statu et terminis</u> f'din il-kawza ghall-finijiet in effetti kollha tal-ligi.

Dep/Reg
df